

MT

Programm ta' Ħidma 2026+



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

KELMTEJN MINN QABEL



Hekk kif inħarsu 'l quddiem lejn l-2026, bħalissa l-UE qed tħabbat wiċċha ma' diversi sfidi ewlenin. Fost tensjonijiet ġeopolitiċi u inċertezzi ekonomiċi, il-kompetittività globali tagħna qed tonqos, u dan qed iqiegħed f'riskju l-influenza tagħna. Fl-istess ħin, l-UE tfittex li tipproteġi liċ-ċittadini tagħha billi ssaħħa id-difiża u tkompli tfittex li twettaq miri ambjentali għal tkabbir sostenibbli u azzjoni klimatika.

Din is-sena l-pubblikazzjoni tal-Programm ta' Ħidma 2026 tagħna taħbat mal-pubblikazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida tal-QEA 2026–2030, li tappella biex aħna **“Nimmiraw l-awditi li nwettqu fejn l-aktar li nżidu valur”**. Għalhekk se niffukaw xogħolna fuq dawk li nqisu li huma oqsma strateġiċi.

Għalkemm l-**erba' oqsma strateġiċi** fil-biċċa l-kbira baqgħu ma nbidlux, dawn twessgħu biex jindirizzaw aħjar it-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-isfidi ekonomiċi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE bħalissa. Jieħdu kont tal-impenji li jeżistu rigward l-użu tal-fondi tal-UE, il-prijoritajiet tal-Unjoni, kif ukoll ix-xejriet u l-isfidi li jitfaċċaw.

Bħala l-awditur estern tal-Unjoni għal kważi nofs seklu, il-QEA tibqa' impenjata li żżomm ir-responsabbiltà demokratika u tara li żgur ikun hemm sorveljanza finanzjarja soda. F'dan id-dokument se ssib lista tat-**73 rapport speċjali u rapport analitiku** li skont l-iskeda se jiġu ppubblikati fl-2026 u fl-2027. Barra minn hekk, kull sena se nippubblikaw ir-rapporti annwali tagħna li jirrappreżentaw ir-riżultati tax-xogħol tal-awditjar finanzjarju u tal-konformità li nwettqu.

Fl-ewwel qasam ta' fokus strateġiku tagħna, **il-kompetittività ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni**, li issa ssaħħa biex jinkludu enfasi fuq il-kummerċ u l-awtonomija strateġika, se nwettqu awditi ewlenin dwar suġġetti kritiċi bħall-appoġġ li jingħata mill-UE għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-enerġija mir-riħ. Se nivvalutaw ukoll strumenti Ewropej għad-difiża tal-kummerċ u investimenti Ewropej fl-IA u fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja.

Dawn l-aħħar snin żvelaw kemm il-paċi tista' tkun fraġli. Għalhekk il-protezzjoni taċ-ċittadini hija prijorità ewlenija għall-Unjoni. Fl-oqsma

tas-**Sigurtà u d-difiża**, se nirrieżaminaw l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) u nippubblikaw rapport analitiku li janalizza l-politika tal-UE dwar id-difiża. Dan il-qasam ta' fokus jinkludi wkoll komponenti ewlenin bħat-**tkabbir u l-migrazzjoni**. Se neżaminaw l-appoġġ akbar għall-Ukrajna u l-isforzi biex jiġu protetti l-fruntieri esterni. Se nevalwaw ukoll is-sistemi tal-UE relatati mar-ritorni, mal-ftehimiet ta' riammissjoni, u mar-riintegrazzjoni.

In-nuqqas li jintlaħqu l-għanijiet ambjentali jaggrava l-ekosistemi u l-istabbiltà ekonomika. Jeħtieġ li l-UE tadatta u tibni reżiljenza kontra klima li qed tinbidel. Qasam ta' fokus strateġiku tal-programm ta' ħidma tagħna għadu **It-tranżizzjoni tal-Unjoni biex issir reżiljenti għat-tibdil fil-klima u ambjentalment sostenibbli**. Hawnhekk se niffukaw fuq oqsma bħall-Fond għall-Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika, l-ilħuq tal-miri tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari, u d-Dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE.

Hekk kif iċ-ċiklu tal-ħajja intenzjonat tal-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)** jasal fi tmiemu, din tal-aħħar se tkompli tidher fil-programm ta' ħidma tagħna taħt il-qasam ta' fokus **Is-Salvagwardja tal-finanzi pubbliċi tal-Unjoni**. L-awditi marbuta mal-RRF se jkopru t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-fondi, kif ukoll ir-reviżjonijiet tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Lil hinn mill-RRF, dan il-qasam ta' fokus se jinkludi wkoll awditi relatati mas-sistemi tal-IT tal-Istati Membri għall-ġestjoni tad-dazji doganali u awditi relatati ma' Arachne. Din hija l-għodda ta' estrazzjoni ta' *data* li tintuża mill-Kummissjoni.

Bħala konklużjoni, filwaqt li dan il-programm ta' ħidma jindirizza l-isfidi li l-UE u ċ-ċittadini tagħha qed iħabbtu wiċċhom magħhom, in-negozjati li għaddejjin bħalissa għall-**Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss** joffru opportunità għal-leġiżlaturi biex joħolqu baġit ambizzjuż u għal żmien twil, li jrawwem soċjetà u ekonomija b'saħħithom fl-10 snin li ġejjin. Se nimmonitorjaw mill-qrib dan il-proċess u nappoġġaw lil-leġiżlaturi permezz ta' **sensiela ta' opinjonijiet dwar il-proposti leġiżlattivi**. Fiċ-ċentru ta' dan il-proċess leġiżlattiv irid ikun hemm l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, li huma fundamentali biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini. Il-missjoni tagħna tibqa' kostanti: it-tisħiħ tal-fiduċja permezz tal-awditjar.



Tony Murphy
Il-President

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Il-kompetittività ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni, li jinkludu l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni diġitali, il-kummerċ u l-awtonomija strateġika 2026	Organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-appoġġ li jingħata mill-UE għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex itejjibx il-kompetittività tal-membri tagħhom.
	Appoġġ tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għar-regġuni ultraperiferiċi (POSEI)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-POSEI jindirizzax b'mod effettiv il-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi tar-regġuni ultraperiferiċi tal-UE fis-settur agrikolu.
	Appoġġ għas-suq tax-xogħol għaż-żgħażaġħ taħt il-politika ta' koeżjoni	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat kif il-politiki tal-UE u l-finanzjament iddedikat (FSE/YEI, REACT-EU u FSE+) ikkontribwew għall-isforzi tal-Istati Membri biex jintegraw b'mod sostenibbli liż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol.
	Appoġġ li jingħata mill-UE biex tiżdied il-mobbiltà sostenibbli tal-persuni li jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura madwar żoni metropolitani kbar	Rapport Speċjali	Biex jiġu vvalutati l-azzjonijiet meħuda mill-UE ħalli tappoġġa t-trasport sostenibbli għall-persuni li jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura f'żoni metropolitani kbar.
	Orizzont 2020	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk Orizzont 2020 laħaqx l-objettivi tiegħu, u l-Kummissjoni evalwatx il-prestazzjoni tiegħu kif xieraq.
	Suq uniku għas-servizzi	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-infurzar tal-Kummissjoni u azzjonijiet oħra tal-UE biex tkompli tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq uniku għas-servizzi.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Il-kompetittività ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni, li jinkludu l-innovazzjoni, it-tranżizzjoni diġitali, il-kummerċ u l-awtonomija strateġika 2027	Governanza ta' Orizzont Ewropa	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-istruttura ta' governanza ta' Orizzont Ewropa, inklużi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, kif ukoll il-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'Orizzont Ewropa ħalli jiġi identifikat jekk hemmx xi ostakli jew ineffiċjenzi.
	Semestru Ewropew	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat kemm ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSR) huma ċari u speċifiċi biżżejjed biex jipprovdu bażi robusta ħalli l-fondi tal-UE jiġu mmirati lejn l-isfidi strutturali li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri.
	Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk is-CBAM huwiex imfassal biex jipprevieni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u jara li żgur ikun hemm kundizzjonijiet ekwi, fir-rigward tal-ipprezzar tal-karbonju u l-effetti tiegħu, għall-industriji intensivi fil-karbonju fl-UE.
	Ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk humiex effettivi l-azzjonijiet meħuda mill-UE biex jitħaffef l-użu tal-enerġija mir-riħ u tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-enerġija mir-riħ.
	Tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-appoġġ mogħti taħt il-Politika Agrikola Komuni kienx effettiv fil-promozzjoni tat-tiġdid ġenerazzjonali.
	Titjib u tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat l-appoġġ li jingħata mill-UE għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-ħaddiema lejn ekonomija ekoloġika, diġitali u reżiljenti.
	Appoġġ li jingħata mill-UE għall-irkupru wara diżastri naturali	Rapport Speċjali	Biex jiġi eżaminat jekk l-użu tal-FSUE mill-Kummissjoni u mill-Istati benefiċjarji pprovidiex sokkors rapidu u adegwat lill-popolazzjonijiet milquta, u jekk kienx ikkomplementat minn fondi oħra tal-UE għal miżuri ta' "nibnu mill-ġdid aħjar".
	Piż regolatorju fuq in-negozji tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi rieżaminat il-piż regolatorju impost fuq in-negozji tal-UE u kemm dawn huma proporzjonati mal-oġġettivi ta' politika intenzjonati; u jekk l-azzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni humiex effettivi biex inaqqsu l-piż regolatorju.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
	Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-Fond tal-EIC, inklużi r-rwoli tal-partijiet ikkonċernati ewlenin tiegħu u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
	Politika Ewropea dwar l-Ispazju	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-UE kkontribwietx b'mod effettiv għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' settur spazjali kompetittiv fl-Ewropa.
	IA u Computing ta' Prestazzjoni Għolja	Rapport Speċjali	Biex jiġi analizzat jekk l-investimenti u l-inizjattivi ffinanzjati mill-UE li saru fil-qasam tas-supercomputing, tal-computing kwantistiku, taċ-ċentri tad- <i>data</i> u ta' teknoloġiji oħra ta' appoġġ humiex qed jappoġġaw b'mod effettiv it-tkabbir tal-industrija Ewropea tal-IA.
	Difiża tal-kummerċ Ewropew	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri japplikawx u jinfurzawx l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ b'mod effettiv biex jiġu miġġielda Prattiki kummerċjali inġusti.
	Ingranaġġ tal-impriżi konġunti	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-finanzjament mill-UE tal-programmi ta' ħidma tal-Impriżi Konġunti (JUs) huwiex ingranat b'mod effettiv minn kontribuzzjonijiet mogħtija mingħand sħab privati, Stati parteċipanti u organizzazzjonijiet internazzjonali, u jekk din il-forma ta' kofinanzjament tiġix implimentata b'mod effiċjenti.
	L-EIT u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tiegħu	Rapport Speċjali	Biex jiġi eżaminat jekk l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu tawx spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Is-sigurtà, id-difiża, il-valuri demokratiċi u l-azzjoni esterna tal-Unjoni, bl-inklużjoni tat-tkabbir u l-migrazzjoni 2026	Reżiljenza tal-infrastruttura kritika	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat il-kontribut mogħti mill-azzjonijiet tal-UE biex l-infrastruttura kritika fl-UE żgur tkun reżiljenti.
	Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili	Rapport Speċjali	Biex jiġu vvalutati l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ li jingħata mill-UE għar-rispons għal emerġenzi u diżastri naturali permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM).
	Strument għal Kooperazzjoni fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari ppromwovix standards effettivi ta' sikurezza nukleari f'pajjiżi terzi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) tan-NU.
	Inċidenti taċ-ċibersigurtà li jkunu sinifikanti u fuq skala kbira	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni, mill-pjan ta' azzjoni inizjali tagħha tal-2017 'il hawn, stabbilietx arranġamenti ċari u effettivi għal rispons ikkoordinat tal-UE f'każ ta' inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.
	Edukazzjoni fil-pajjiżi l-anqas żviluppati	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-UE wasslitx appoġġ għall-edukazzjoni fi grupp speċifiku ta' pajjiżi, jiġifieri l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), b'mod effiċjenti, effettiv u sostenibbli.
	Organizzazzjonijiet internazzjonali	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-pilastru tal-Kummissjoni kinitx effettiva ħalli jiġu indirizzati riskji finanzjarji sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.
	Il-politika tal-UE dwar id-Difiża fiċ-ċentru tal-attenzjoni	Rapport Analitiku	Biex tiġi pprovduta analiżi kumplessiva tal-istrumenti li jintużaw fil-baġit tal-UE jew barra minnu għall-finanzjament tad-difiża b'fokus speċifiku fuq il-qafas legali, istituzzjonali, u finanzjarju fil-qasam tad-difiża.
	Strateġija kontra l-frodi	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS) tal-2019 fil-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa n-nefqa tal-UE.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Is-sigurtà, id-difiża, il-valuri demokratiċi u l-azzjoni esterna tal-Unjoni, bl-inklużjoni tat-tkabbir u l-migrazzjoni 2027	Appoġġ mill-UE għall-Moldova u l-Georgia	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-appoġġ mill-UE kienx effiċjenti u effettiv fil-Moldova u l-Georgia fit-triq tal-adeżjoni tagħhom u biex jiġi vverifikat jekk il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità previst fir-Regolament dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) kienx effettiv.
	Ritorni, ftehimiet ta' riammissjoni u riintegrazzjoni	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk is-sistema appoġġata mill-UE għar-ritorni ta' migranti irregolari mill-UE hijiex effiċjenti u effettiva, u jekk l-assistenza tagħha għar-riammissjoni f'pajjiżi terzi hijiex sostenibbli.
	Appoġġ akbar mill-UE għall-Ukrajna	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-istrumenti l-ġodda li jappoġġaw lill-Ukrajna — l-Assistenza Makrofinanzjarja+ (MFA+) u l-Faċilità għall-Ukrajna — humiex imfassla tajjeb, ikkoordinati b'mod effiċjenti ma' forom oħra ta' appoġġ mill-UE u mirfuda minn arranġamenti ta' obbligu ta' rendikont xierqa.
	Protezzjoni tal-fruntieri esterni	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-provvisti ta' tagħmir u l-infrastrutturi kofinanzjati mill-UE ħalli jiġu appoġġati l-protezzjoni u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen kontra l-migrazzjoni irregolari.
	Aċċess għal enerġija sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-appoġġ li jingħata mill-UE għall-aċċess għal enerġija sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kienx effiċjenti u effettiv.
	Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP) kienx effettiv fl-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-manifattura u fit-tnaqqis taż-żmien meħtieġ għall-produzzjoni biex żgur ikun hemm provvista f'waqtha ta' munizzjon u missili lill-Ukrajna u biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jimlew mill-ġdid l-istokkijiet tagħhom.
	Kriżijiet minsija	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni tipprogrammax, tiffinanzjax u timplimentax b'mod effettiv azzjonijiet umanitarji li jindirizzaw kriżijiet minsija biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
It-tranżizzjoni tal-Unjoni biex issir reżiljenti għat-tibdil fil-klima u sostenibbli ekonomikament, soċjalment u ambjentalment 2026	Programm LIFE 2014–2020	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-proġetti strateġiċi LIFE humiex strument effettiv biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet ekoloġiċi tal-UE.
	Investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija ffinanzjati mill-RRF	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat il-kontribut tal-miżuri tal-RRF għall-bini residenzjali lejn il-miri tal-enerġija tal-UE għall-2030 dwar iż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija.
	Trasferiment tal-għarfien u innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni fil-qasam agrikolu (EIP-AGRI) fil-PAK tatx kontribut effettiv għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE.
	Materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-azzjonijiet meħuda fil-livell tal-UE jippermettux li żgur ikun hemm provvista sigura, u għal żmien twil, ta' materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija fl-UE.
	Fond għall-Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Fond għall-Innovazzjoni jipprovdi pjattaforma adegwata għall-promozzjoni ta' proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-oġġettivi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE.
	Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri jinvolvu b'mod xieraq lill-komunitajiet tal-enerġija ħalli jilħqu l-oġġettivi tagħhom.
	Żoni marini protetti tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk in-network ta' Żoni tal-Baħar Protetti jiksibx il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar tal-UE f'konformità ma' oqfsa internazzjonali, dawk tal-UE u dawk nazzjonali.
	Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutati l-effiċjenza u l-effettività tal-appoġġ li jingħata mill-UE għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fl-oqfsa tat-trasport sostenibbli u l-enerġija nadifa, b'fokus fuq proġetti ewlenin.
	Repower EU tal-RRF	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk, permezz tal-governanza tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-RRF, l-UE hijiex qed tikkontribwixxi b'mod effettiv biex tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u titħaffet it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
It-tranżizzjoni tal-Unjoni biex issir reżiljenti għat-tibdil fil-klima u sostenibbli ekonomikament, soċjalment u ambjentalment 2027	Approċċ tal-UE għal “sustanzi kimiċi dejjiema” (PFAS)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-oqfsa tal-UE applikabbli għas-sustanzi perfluoroalkilati u polifluoroalkilati (PFAS, sustanzi kimiċi dejjiema) jikkontribwux għall-ġestjoni sikura u kompetittiva ta' dawn is-sustanzi fl-UE.
	Torbieri u artijiet mistagħdra	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-appoġġ mill-UE għall-protezzjoni u r-restawr tat-torbieri u tal-artijiet mistagħdra huwiex effettiv.
	Appoġġ li jingħata mill-UE għall-protezzjoni tal-kosta	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-politiki u l-finanzjament tal-UE għall-protezzjoni tal-kosta jikkontribwux b'mod effettiv għall-adattament taż-żoni kostali għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti attwali tal-klima u l-impatti previsti fil-futur.
	L-ilħuq tal-miri tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-appoġġ li jingħata mill-UE għall-enerġija solari fid-dawl tal-ilħuq tal-miri tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari.
	Interkonnetturi transfruntiera tal-elettriku	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA), u l-Istati Membri użawx b'mod effettiv il-fondi tal-UE għall-interkonnetturi transfruntiera tal-elettriku biex jilħqu l-miri tal-interkonnessjoni tal-UE.
	Miżuri tal-RRF fil-mobbiltà sostenibbli	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-investimenti fit-trasport iffinanzjati mill-RRF jippromovux b'mod effettiv il-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, jaċċellerawx l-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jnaqqasx l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport, filwaqt li jikkontribwixxu għall-miri tal-UE għall-2030.
	Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-JTF huwiex effettiv fl-appoġġ tad-diversifikazzjoni ekonomika u r-rikonverżjoni tat-territorji tal-UE li mistennija jintlaqtu bl-aktar mod negattiv mit-tranżizzjoni tal-enerġija.
	Trasport ferrovjarju transfruntier għall-passiġġieri	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni ħaditx azzjoni xierqa biex tappoġġa t-trasport ferrovjarju transfruntier tal-passiġġieri u l-kisbiet tal-proġetti ffinanzjati mill-UE.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
	Dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-appoġġ mill-UE pprovdut għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-UE.
	Mewġa ta' rinnovazzjoni	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-fondi tal-UE humiex qed jappoġġaw b'mod effettiv il-mewġa ta' rinnovazzjoni tal-UE fl-indirizzar tal-faqar enerġetiku u l-bini bl-agħar rendiment, inkluża l-inizjattiva tal-akkomodazzjoni affordabbli.
	Affordabbiltà għal tranżizzjoni lejn enerġija ġusta	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilewx azzjonijiet effettivi biex żgur ikun hemm enerġija affordabbli għaċ-ċittadini fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti permezz ta' miżuri strutturali u b'rispons għall-kriżijiet.
	Sajd fuq skala żgħira	Rapport Speċjali	Biex jiġu vvalutati t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-appoġġ mill-UE għas-sajd fuq skala żgħira, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti tiegħu fuq il-kompetittività u l-fatturi soċjoekonomiċi.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni pplanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Is-salvagwardja u s-sostenn tal-finanzi pubbliċi tal-Unjoni, li jinkludu governanza ekonomika, finanzjarja u fiskali robusta 2026	Assorbiment tal-fondi ta' koeżjoni tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri humiex qed jimmaniġġjaw tajjeb l-isfidi marbuta mal-assorbiment tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni.
	Miżuri restrittivi fuq il-kummerċ	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-proċeduri tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri jappoġġawx b'mod effettiv l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet finanzjarji u kummerċjali introdotti wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.
	Amministrazzjoni pubblika — RRF	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk l-implimentazzjoni tar-riformi tal-amministrazzjoni pubblika inklużi fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tindirizzax il-ħtiġijiet prinċipali identifikati fis-Semestru Ewropew u, fejn xieraq, minn sorsi rilevanti oħra.
	Trasparenza u traċċabbiltà — RRF	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni ratx li l-finanzjament taħt l-RRF żgur kien trasparenti u traċċabbli, u jekk l-Istati Membri stabbilewx sistema mfassla tajjeb li tippermetti li l-kostijiet reali tal-miżuri jiġu stmati u traċċati.
	Għodod superviżorji tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-BĊE użax b'mod effiċjenti l-għodod bankarji superviżorji tiegħu biex jinforza r-rekwiżiti prudenzjali. Għal dan l-iskop, it-tim tal-awditjar se jivvaluta jekk l-istrateġiji, il-politiki u l-proċeduri tal-BĊE humiex adegwati u jekk il-BĊE applikax l-għodod b'mod konsistenti.
	Traffiku illegali tat-tabakk	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-traffikar illegali tat-tabakk fl-UE.
	Tagħlimiet għall-baġit li jmiss tal-UE: QFP 2028–2034	Rapport Analitiku	Biex jiġi pprovdut sommarju ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2028–2034 u biex jingħata segwitu għall-opportunitajiet identifikati mir-Rapport Analitiku 3/2025 tal-QEA “Opportunitajiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027”, anki fir-rigward tas-sett ta' opinjonijiet li jmiss tal-QEA dwar din il-proposta.
	Sistemi ta' kontroll għall-RRF fl-Istati Membri — frodi	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri għall-ġestjoni ta' fondi riċevuti mill-RRF jipprevenux, jaqbdux u, fejn xieraq, jikkoreġux il-frodi b'mod effettiv.


Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Is-salvagwardja u s-sostenn tal-finanzi pubbliċi tal-Unjoni, li jinkludu governanza ekonomika, finanzjarja u fiskali robusta 2027	Arachne	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk Arachne ġietx maħsuba, żviluppata u implimentata mill-Kummissjoni b'mod li bih x'aktarx l-informazzjoni tkun żgur kompleta, preċiża u utli, u għal dawk l-Istati Membri li jużaw id- <i>data</i> , jekk jagħmlux dan b'mod effettiv.
	RRF — reviżjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat b'liema mod il-Kummissjoni u l-Istati Membri kienu jaraw li l-emendi għall-RRPs żgur ikunu konformi mar-rekwiżiti sottostanti u jekk iffaċilitawx l-implimentazzjoni tal-RRF.
	Diżimpenji tal-baġit tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Kummissjoni hijiex qed timmaniġġja l-ammonti diżimpenjati b'mod xieraq, inkluża r-riallokazzjoni xierqa tal-ammonti diżimpenjati li jerġgħu jsiru disponibbli.
	Sistemi tal-IT tal-Istati Membri għall-ġestjoni tad-dazji doganali	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk is-sistemi tal-IT tal-Istati Membri għall-ġestjoni tad-dazji doganali humiex sodi, u jekk il-Kummissjoni tivverifikax il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti legali u l-affidabbiltà tad- <i>data</i> tagħhom.
	Valur miżjud tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni tkejjilx il-valur miżjud tal-UE (EAV) b'mod konsistenti, affidabbli u bl-użu ta' kriterji rilevanti, u hijiex se tivvaluta l-proċeduri rilevanti ta' kontroll tal-kwalità.
	Ġestjoni tal-binjiet f'Istituzzjonijiet magħżula tal-UE	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-effettività tal-ġestjoni tal-użu tal-binjiet ta' Istituzzjonijiet magħżula tal-UE.

Prijorità strateġika u sena tal-pubblikazzjoni ppjanata	Isem il-kompitu	Tip ta' prodott	Objettiv tal-kompitu
Oħrajn 2026	Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer huwiex rispons effettiv fil-livell tal-UE fil-ġlieda kontra l-kanċer.
	Korpi konsultattivi tal-UE	Rapport Speċjali	Biex jiġi vvalutat jekk il-proċessi ta' ġestjoni u kwalità tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jippermettulhomx jagħtu opinjonijiet ta' kwalità u f'waqthom.
	Bonds ekoloġiċi tan-Next Generation EU (NGEU)	Rapport Speċjali	Biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar is-sostenibbiltà tal-proġetti tal-RRF iffinanzjati mill-bonds ekoloġiċi tal-NGEU.

DWARNA



Tony MURPHY
L-Irlanda



is-sitwazzjoni l'Ottubru 2025

Aħna l-awditur estern tal-UE. Il-QEA tikkonsisti f'Membru wieħed minn kull Stat Membru u hija appoġġata minn madwar 990 membru tal-persunal min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE. Aħna bbażati fil-Lussemburgu u bdejna xogħolna fl-1977.

Il-**valuri** tagħna huma l-indipendenza, l-oġġettività, l-imġiba etika, it-trasparenza u l-professjonalità.

Il-**missjoni** tagħna: aħna nwettqu awditi indipendenti, ta' kwalità għolja u li jħallu impatt biex intejbu l-governanza, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-azzjoni li tittieħed mill-UE, u b'hekk insaħħu l-fiduċja taċ-ċittadini u nikkontribwixxu b'mod effettiv lejn ir-rispons għall-isfidi attwali u futuri li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE.

Il-**viżjoni** tagħna: aħna nsaħħu l-fiduċja fl-Unjoni billi nikkontribwixxu għal governanza u reżiljenza mtejba.

Ir-rapporti tal-awditjar, ir-rapporti analitiċi u l-opinjonijiet tagħna huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jintalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Fl-aħħar nett, permezz tal-ħidma tagħna, aħna nixtiequ ngħinu liċ-ċittadini tal-UE biex jifhmu b'mod aktar ċar kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw l-isfidi attwali u tal-futur.

L-OUTPUT TAGĦNA

Aħna noħorġu:

- rapporti annwali dwar il-baġit tal-UE, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, inkluża dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni;
- rapporti annwali speċifiċi li jippreżentaw l-opinjoni tal-awditjar finanzjarju li noħorġu dwar kull aġenzija u korp tal-UE;
- rapporti speċjali dwar suġġetti tal-awditjar magħżula, li jiġu ppubblikati matul is-sena, u li huma prinċipalment riżultat ta' awditi tal-prestazzjoni;
- rapporti analitiċi: li huma analiżijiet deskrittivi u informattivi tal-oqsma ta' politika jew ta' ġestjoni tal-UE; u
- opinjonijiet, li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew jużaw meta jkunu qed japprovaw liġijiet tal-UE u deċiżjonijiet oħra.

IL QORTI EWROPEA TAL AWDITURI

12, rue Alcide De Gasperi

1615 LUXEMBOURG

Tel. +352 4398 – 1

Mistoqsijiet: <https://eca.europa.eu/mt/contact>

Sit elettroniku: <https://www.eca.europa.eu>

Media soċjali: @EUauditors

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet (<https://europa.eu>).

DRITTIJET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-[Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħol li jkun sar minn partijiet terzi. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess iħassar il-permess ġenerali msemmi hawn fuq u jrid jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG
eca-info@eca.europa.eu
eca.europa.eu



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea